MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**FARRUGIA SACCO LINO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1536/1996/1

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta’ Ottubru, 2002**

**Carmel BRIFFA**

**vs**

**Dennis DELCEPPO**

Il-Qorti,

**CITAZZJONI**
Rat ic-citazzjoni attrici li biha ppremettiet:

1. Illi l-attur xtara minghand il-konvenut makna tas-serrar bil-patt u l-kundizzjoni li din il-makna ma kellhiex difetti;

2. Illi l-attur hallas lill-konvenut is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) bhala prezz ta' l-istess makna;

3. Illi rrizulta lill-attur illi fil-fatt il-makna *de quo* kellha difetti serji tant li ma setax jahdem biha;

4. Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex jirrifondi l-hlas tal-prezz lura lill-attur izda l-konvenut baqa' inadempjenti;

Talab li l-Qorti
1. tiddikjara li l-makna tas-serrar li xtara l-attur minghand il-konvenut fiha difetti serji u mhux kif pattwit bejn il-partijiet;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lura lill-attur is-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) hlas tal-prezz tal-makna msemmija b'dan illi l-konvenut ikun jista' jiehu lura l-istess makna.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-attur.

**ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba tal-attur hija perenta billi ghadda x-xahar zmien ghad-disposizzjoni tieghu skond il-ligi fil-kuntratt ta' bejgh;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost mhux minnu li l-makna inbieghet b'difetti tali li jippermettu x-xoljiment tal-bejgh, anzi din kienet tiffunzjona tajjeb u minghajr problema ta' xejn;

3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Illi fid-19 ta' Frar, 1997 il-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku William Cassar Torreggiani. Hu ikkonkluda li:

1. Illi l-attur Carmel Briffa xtara makna tas-serrar Radial Arm tal-ghamla Stromab minghand il-konvenut Dennis Delceppo, bil-prezz ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) bil-patt u bil-kundizzjoni li kienet tajba.

2. Illi meta l-attur ipprova l-makna tas-serrar sab li kienet difettuza u kienet taqta' l-kumenti mqammrin.

3. Illi l-'arm' tal-makna li kienet tal-hadid fondut kellha krakkjatura u ghalhekk kienet taghmel id-difett waqt li kienet taqta' l-injam.

4. Illi l-attur hallas lill-konvenut Lm500 li talab biex jigu rifonduti u l-konvenut jiehu l-makna tas-serrar lura.

Fl-4 ta' Gunju, 2002 il-partijiet irrimettew ruhhom ghar-rapport.

**KONKLUZJONIJIET:**
L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija li t-talba tal-attur hija perenta billi ghadda x-xahar zmien ghad-disposizzjoni tieghu skond il-ligi fil-kuntratt ta' bejgh. Hawnhekk l-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq l-***actio redhibitoria*** – artikolu 1427 tal-Kap 16. Il-preskrizzjoni ta' din l-azzjoni hija msemmija fl-artikolu 1431.

Dan l-artikolu jghid hekk:
**"1431.** (1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqghu bil- preskrizzjoni, ghal dawk li huma immobbli, bl-eghluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, ghal dawk li huma hwejjeg mobbli, bl-eghluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal- haga mibjugha.

(2) Izda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga, iz-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx jghaddu hlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett."

Issa l-Qorti ezaminat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet kif ukoll id-deposizzjoni tal-attur moghtija quddiem il-Perit tekniku. Minn imkien ma irrizulta li l-azzjoni kienet preskritta kif sollevat mill-konvenut. Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut.

Ukoll il-konvenut eccepixxa li mhux minnu li l-makna inbieghet b'difetti tali li jippermettu x-xoljiment tal-bejgh, anzi din kienet tiffunzjona tajjeb u minghajr problema ta' xejn. Minn dak li kkonkluda l-Perit Tekniku jirrizulta li il-makna tas-serrar kienet difettuza u kienet taqta' l-kumenti imqammrin. L-'arm' tal-makna li kienet tal-hadid fondut u kellha krakkjatura u ghalhekk kienet taghmel id-difett waqt li kienet taqta' l-injam. Ghalhekk ukoll din l-eccezzjoni qedgha tigi michuda.

It-talba tal-attur tidher gustifikata mir-rapport tal-perit tekniku u minn dak li irrizulta mid-dikjarazzjoni tal-istess attur, kif ukoll mid-deposizzjoni moghtija mill-attur quddiem il-Perit Tekniku.

Ghal dawn il-motivi tiddikjara li l-makna tas-serrar li xtara l-attur minghand il-konvenut fiha difetti serji u mhux kif pattwit bejn il-partijiet. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lura lill-attur is-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) hlas tal-prezz tal-makna msemmija b'dan illi l-konvenut ikun jista' jiehu lura l-istess makna.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra l-konvenut.